# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 21**

**Rikors numru 173/19/4 JPG**

**Nikita Sciortino**

**v.**

**Shaun Camilleri**

1. Din id-deċiżjoni titratta appell minn deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja tal-10 ta' Jannar, 2020 li biha ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex tawtorizzah jippreżenta tweġiba ġuramentata fil-kawża. Kawża li l-attriċi ppreżentat fit-8 ta' Lulju, 2019 u fiha talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifla minuri Faith tiġi fdata esklussivament lir-rikorrenti omm;*
>
> *2.Tordna li r-residenza ordinarja tat-tifla minuri Faith għandha tkun fl-istess indirizz tar-residenza ordinarja tar-rikorrenti omm;*

*3. Tiffissa ammont adegwat bħala manteniment li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti għall-bżonnjiet tat-tifla minuri Faith, u tordna lill-intimat iħallas l-istess ammont f'manteniment lir-rikorrenti bl-arretrati midd-ata tat-twelid tal-minuri sal-lum;*

*4. Tiffissa ammont adegwat li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti bħala alternattiva għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-minuri, u dan in vista tan-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, u tordna lill-intimat iħallas l-istess ammont lir-rikorrenti bl-arretrati mid-data tat-twelid tal-minuri sallum"*.

2. Il-konvenut hu kontumaċi u b'rikors li ppreżenta fit-23 ta' Settembru, 2019 ippremetta li r-rikors ġuramentat kien ingħata lil nanntu f'perjodu meta kien qiegħed jirkupra s-saħħa tiegħu u kien rah tard. Żied li b'daqshekk ma riedx juri nuqqas ta' rispett lejn il-Qorti u bl-iktar mod ġenwin ħalla jgħaddi ż-żmien li fih kellu jippreżenta t-tweġiba ġuramentata. Kompla li hu fl-aħjar interess suprem tat-tifla minuri li jitħalla jiddefendi l-każ sabiex il-Qorti tkun tista' tisma' l-pożizzjoni taż-żewġ ġenituri.

3. Fid-deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2020 l-ewwel Qorti rraġunat:

*"Il-Qorti rat illi l-konvenut kien gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici fid-29 ta' Lulju 2019 u illi fit-23 ta' Settembru 2019 intavola r-rikors in kwistjoni sabiex jitlob awtorizazzjoni jintavola r-risposta guramentata tieghu wara l-iskadenza tat-terminu impost mill-ligi.*

*Mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2019 jirrizulta illi l-konvenut, tramite r- rapprezentant legali tieghu, iddikjara illi m'ghandhomx provi x'jipproduci dwar il- gustifikazzjoni tal-kontumacja. Jirrizulta wkoll illi l-fatti esposti r-rikors tat-23 ta' Settembru ma gewx ikkonfermati bil-gurament mill-konvenut. Illi ghalhekk, ghalkemm il-konvenut jippremetti fir-rikors tieghu illi r-raguni ghaliex ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu fit- terminu moghti lilu mill-ligi hija li dak iz-zmien huwa kien qed jirkupra minn infortunju mediku, huwa naqas milli jressaq kwalunwke tip ta' prova sabiex jissotanzja din il-premessa.*

*Rigward l-argument tal-konvenut illi huwa ghandu jinghata estensjoni tat-terminu ghaliex dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri, il-Qorti tqis illi ghalkemm huwa minnu illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili il-Qorti hija moghnija bil-poter li tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex tipprotegi l-ahjar interess tal-minuri, dan ma jfissirx illi l-ligi procedurali tista' tigi ghal kollox skartata. L-oneru illi jipprezenta r-risposta tieghu fil-hin sabiex jassigura li jkun jista' jressaq il-provi tieghu quddiem il-Qorti f'din il-kawza kien jinkombi fuq il-konvenut, u galadarba l-konvenut naqas milli josserva t-terminu mpost mill-ligi, jew ghall-anqas iressaq provi sodisfacenti li hemm raguni valida li jiggustifikaw il-kontumacja tieghu, imputet sibi".*

4. B'rikors preżentat fl-4 ta' Awwissu, 2020 il-konvenut appella mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. L-attriċi wieġbet b'risposta li ppreżentat fis-26 ta' Awwissu, 2020.

5. L-aggravju tal-konvenut ġie spjegat hekk:

*"L-esponent jagħraf li huwa naqas u jiddispjaċih li ma weġibx ir-rikors ġuramentat fiż-żmien stipulat fil-liġi. Huwa pero' jagħraf ukoll, li fl-interess tat-tifla minuri ikun opportun li huwa jingħata l-possibilta' li jressaq il-provi tiegħu sabiex il-Qorti verament ikollha opportunita' li jkollha stampa sħiħa meta tiġi biex tiddeċiedi dwar l-interess tal-minuri. L-esponent jixtieq li mhux biss jipproteġi lill-minuri, iżda saħansitra li kemm jista' jkun jevitalha tbatija fil-futur u jibbilanċja l-verżjoni tal-omm għal dak li hija t-trobbija tal-istess minuri.*

*L-esponent diġa semma li l-omm u n-nies ta' madwarha mhumiex persuni idonei biżżejjed għat-trobbija tajba tat-tifla minuri, u jħoss li l-istess minuri tista' tkun qiegħda tiġi esposta għal esperjenzi u mġieba ħażina.*

*L-esponent jagħraf li l-komportament tiegħu ma kienx wieħed ideali, iżda huwa appena għaraf l-iżball tiegħu u induna li kellu jwieġeb għall-atti li kien irċieva, ċempel lill-avukat ta' fiduċja tiegħu u għamel kuntatt miegħu biex jifhem x'ried jagħmel u allura daħal fil-proċeduri li wasslu għal dana l-appell. L-esponent huwa ġuvni ta' 22 sena u din kienet l-ewwel darba li mess mal-Qorti.*

*..........*

*Magħdud ma' dan, l-interessi supremi tal-minuri Faith Camilleri Sciortino kellhom ukoll iservu bħala raġuni tajba a tenur tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tagħtih l-opportunita' li jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. Mingħajr ir-*

*risposta tal-esponent, mingħajr il-veduti tiegħu, il-provi kollha li huwa jista' jressaq, l-ewwel qorti mhijiex u ma jistax ikollha stampa ċara tal-ħajja u tat-trobbija li l-attriċi appellata qed tipproponi li tagħti lil bintha".*

6. L-Art. 158(10) tal-Kap. 12 jipprovdi:

*"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi <u>kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss</u>. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmelsottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-atturli jkollu żmien qasir biex jirrispondi".*

7. Għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni l-argument dwar x'inhu l-interess suprem tal-minuri m'huwiex rilevanti. Il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja teħtieġ li l-konvenut jipprova *"...... raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss"*. Prova li kif osservat l-ewwel Qorti ma saritx.

8. Bid-deċiżjoni appellata l-ewwel Qorti sempliċement applikat dak li jipprovdi l-Art. 158(10) tal-Kap. 12. Peress li l-konvenut naqas milli jagħti prova ta' raġuni tajba għalfejn naqas milli jippreżenta tweġiba ġuramentata, l-ewwel Qorti ma kellhiex triq oħra għajr li tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tat-23 ta' Settembru, 2019. Il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn in-natura tal-kawża li jkollha quddiemha l-qorti. Għalhekk l-argument dwar l-interess suprem tal-minuri ma jreġix.

9. Il-fatt li l-konvenut qal li għandu 22 sena u li qatt qabel ma kellu x'jaqsam mal-qorti, m'huwiex biżżejjed. Għalkemm żagħżugħ, il-

konvenut kien jaf li hemm kwistjoni l-qorti dwar it-tifla għaliex kien parti fil-proċeduri ta' medjazzjoni (**Nikita Sciortino v. Shaun Camilleri**, Ittra numru 230/2019 li ngħalqu b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2019 u fejn jingħad li l-partijiet ma ftehmux) li saru qabel l-attriċi ppreżentat il-kawża fit-8 ta' Lulju, 2019.

10. Ovvjament dan ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma tistax tordna li tisma' lill-konvenut jekk tkun tal-fehma li b'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tiddeċiedi u tagħti l-ordnijiet li hemm bżonn li jolqtu wkoll l-interess tal-minuri. Dan apparti li jidher ukoll floku li jinħatar avukat tat-tfal. Nomina li għandha ssir mill-ewwel Qorti peress li quddiemha qiegħed jinstema' l-mertu tal-kawża.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.

Ir-Reġistratur għandu minnufih jibgħat l-atti tal-ewwel Qorti lura quddiemha.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm